**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR ELAINE MERCIECA LL.D**

**PULIZIJA**

**(Spettur Steven Ryan Micallef)**

**kontra**

**Adrien Paul Arthur Dufour**

Kaz Nru.: 153/2021

**Illum, 1 ta' Marzu 2022**

**Il-Qorti,**

Wara li rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tal-imputat, **Adrien Paul Arthur Dufour,** ta' 30 sena, imwieled gewwa Franza nhar it-23 ta' Jannar 1991, residenti gewwa l-fond numru 98B, Triq San Gwann Battista, Sliema, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 78004A u karta ta' l-identita' Franciza numru 121261300159 permezz ta' liema gie akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer, fl-4 ta' Awwissu 2021 u fil-gimghat ta' qabel din id-data talli:

a) Importa jew gieghel li tigi importata jew ghamel xi haga sabiex tigi importata medicina perikoluza (Cannabis Resin) f'Malta, bi ksur tad-

disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta; u

b) kellu fil-pussess tieghu ir-raza mehuda mill-pjanta Cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza bi ksur ta' l-artikolu 8(a) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semgħet ix-xhieda,

Rat l-atti kollha tal-każ u d-dokumenti esebiti, inkluż l-Ordni tal-Avukat Ġenerali ai termini tas-sub-artikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar Medicini Perikoluzi (Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta), sabiex din il-kawża tinstema' minn din il-Qorti bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali,

Rat li l-imputat irregistra ammissjoni, liema ammissjoni huwa tenna wara li nghata bizzejjed zmien sabiex jirrikunsidra l-istess;

Rat id-dikjarazzjoni maghmula mill-ufficjal prosekutur fl-udjenza tas-7 ta' Dicembru 2021, fejn iddikjara li b'referenza ghall-ewwel imputazzjoni mill-investigazzjonijiet jirrizulta li d-droga kienet intiza ghall uzu personali tal-imputat;

Semghet is-sottomissjonijiet tal-partijiet fir-rigward tal-piena;

**Ikkunsidrat**

Illi fid-dawl tal-ammissjoni tal-imputat dina l-Qorti hija tal-fehma li l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tieghu mill-prosekuzzjoni gew pruvati skond il-ligi.

Illi fir-rigward tal-piena, dina l-Qorti, hadet in konsiderazzjoni ic-cirkostanzi u n-natura tar-reati addebitati fil-konfront tal-imputat, il-fatt li l-imputat rregistra ammissjoni bikrija, in-natura u l-ammont ta' droga mertu tal-kaz odjern, il-fedina penali netta tal-imputat kif ukoll id-dikjarazzjoni maghmula mill-ufficjal prosekutur li l-imsemmija sustanza illecita kienet intiza ghall-uzu personali.

**Decide**

Ghaldaqstant, dina l-Qorti, wara li rat l-artikoli 7, 8(a), 15A, 22(1)(a) and 22(2)(b)(ii) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni, qeghda issib lill-qua imputat Adrien Paul Arthur Dufour hati tal-imputazzjonijiet kollha dedotti fil-konfront tieghu u konsegwentament qeghda tikkundanah ghal disa' xhur prigunerija li b'applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kodici Kriminali din is-sentenza ma ghandhiex tibda ssehh hlief jekk fi zmien sentejn millum il-hati

jikkommeti reati iehor punnibli b'piena ta' prigunerija u ghall-hlas ta' multa ta' elf Ewro (Eur. 1000) li b'applikazzjoni tal-artikolu 14(2) tal-Kodici Kriminali tista' tithallas b'rati mensili u konsekuttivi ta' mitejn Ewro (Eur. 200) fix-xahar. F'kaz li l-hlas ikun ha jsir b'rati mensili, l-ewwel pagament ghandu jsir fi zmien xahar millum, b'dan illi jekk il-hati jonqos milli jhallas pagament wiehed, il-bilanc jigi dovut minnufih u jekk dan ma jithallasx jigi konvertit fi prigunerija skont il-ligi.

Finalment, il-Qorti qeghda tordna l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tal-oggetti kollha li dwarhom sar r-reat u tordna ukoll d-distruzzjoni tad-droga, hekk kif din is-sentenza tghaddi in gudikat, u dan taht il-harsien tar-Registratur li ghandu jirredigi process-verbal li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi nserit fl-atti ta' din il-kawza mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

Il-Qorti spjegat lill-ħati bi kliem ċar ir-responsabbilità tiegħu taħt l-artikolu 28B tal-Kodici Kriminali jekk huwa jikkommetti matul il-perijodu operattiv reat li għalih hemm piena ta' priġunerija.

MAGISTRAT DR. ELAINE MERCIECA BA. LL.D.

Christine Farrugia

Deputat Registratur